IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* ĠUNJU 1949

# MEXJIN 'IL QUDDIEM

CRESCIT EUNDO...... *Dik iż-żerriegħa li l-"Għaqda" tagħna xerrdet tletin sena ilu, sabet art għammiela u l-lum nibtet, ixxettlet, kibret u tellgħet siġar kollha friegħi u nwar li jsebbħu 'l ġensna, jagħnu lil pajjiżna u jkennu lil dawk li jħobbu tassew lil din art twelidna. Għaqdiet u xrieki oħra kienu twaqqfu biex jaqbżu għal ilsien artna, iżda l-ebda waħda minnhom ma seħħet daqs il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u fuq kollox ħadd minnhom ma kiseb minn għand il-Gvern u minn għand il-poplu dak ir-rispett u dak il-ġieħ li tgawdi din il-"Għaqda", ġieħ u rispett li jingħataw biss lil korpijiet nazzjonali. Jista' jkun li dawk ix-xirkiet li twaqqfu qabilna ma kellhomx sisien qawwija biżżejjed, jew kienu waslu qabel żmien il-fidwa tal-poplu, jew kienu twieldu qabel ma l-kotra kienet fetħet għajnejha għall-ħtiġiet tagħhom. Imma kien x'kien, dawk ix-xirkien ma kellhomx ix-xorti li jaraw imwettaq l-iskop li għalih inħolqu u li jgawdu l-frott tal-ħidma tagħhom.*

*Din ix-xorti messet lill-"Għaqda" tagħna. Wara snin ta' ħidma bla hedu u sabar bla serħ, wara twegħir, tfixkil u tagħjir wara li qlajna fuq wiċċna u tqabadna bl-aħrax għall-ideal tagħna u għall-ġid ta' Malta, irnexxielna naraw mitmum dak li patrijotti u għorrief kienu ilhom iħabirku għalih fuq il-mitejn sena: rajna l-Malti fil-Parlament, fl-Amministrazzjoni, fil-Qrati u fl-Università; imma l-ferħ tagħna ma kienx għax irbaħna aħna jew għax għaddiet il-fehma tagħna, iżda għax il-lum Malta ħadet sehemma ma' nazzjonijiet oħra u l-lum qiegħda fosthom u mhux anqas minnhom. Isem Malta l-lum jissemma bil-qima u bil-ġieħ mill-barranin. L-istranjeri jixtiequ jafu fuq din il-Gżira tal-għaġeb, fuq l-istorja tagħha, fuq ċ-ċiviltà u fuq l-ilsien tagħha, għax bis-saħħa u bil-ħidma tal-"Għaqda" tagħna, in-nazzjonijiet barranin laħqu fehmu l-ġmiel, il-ħajja u l-qawwa ta' l-ilsien Malti.*

*Il-lum l-għorrief kollha jaqblu bejniethom li biex tagħraf u tifhem poplu, jeħtieġ li titgħallem mhux biss l-istorja politika u reliġjuża tiegħu iżda jeħtieġ li tistħarreġ l-ilsien li bih jitkellem għax l-ilsien jagħti sens u ħajja lill-fehmiet u lix-xejriet tal-poplu. Għalhekk naraw Universitajiet u Akkademji u kulleġġi barranin*

*jgħoddu l-Malti ma' l-ilsna l-oħra u jdaħħluh fis-sillabi ta' l-istudji tagħhom. L-Università ta' Londra, dik ta' Nottingham, dik ta' Leipzig qabel il-gwerra, l-Université St. Joseph ta' Beyrouth fetħu bwiebhom għall-ilsien Malti, qegħdin igħodduh xejn anqas mill-ilsna oħra stranjeri għalihom u għandhom l-eżamijiet tiegħu.*

*Dan ir-rikonoxximent akkademiku hu ta' ġieh kbir għall-ilsien tagħna għax b'hekk il-Malti jitqies ma' l-ilsna oħra, iżda l-Malti ma daħalx biss f'Universitajiet u postijiet ta' tagħlim għoli barra minn Malta, imma wasal u sab qarrejja fi bliet imxerrdin mad-dinja kollha, Mis-Santal sas-Swejz, minn Pariġi sa Pensilvanja, minn Londra sa Lixandra, il-Malti sab it-triq biex iwassal il-kelma sħiħa u felħana ta' ġensna. Fil-ħames kontinenti tad-dinja jinsabu l-qarrejja tal-Malti u dan l-aħħar f'eżibizzjoni li saret fi New York, il-kotba Maltin sabu ħafna li interessaw ruħhom fihom. Il-lum il-kotba u l-gazzetti Maltin jinqraw f'kull belt u f'kull art ċivilizzata, saħansitra l-perjodiku tagħna "Il-Malti" għandu ċirkolazzjoni li nistgħu nsejħulha universali. Dawn il-ftit qarrejja li ġejjin, meħudin mil-listi ta' l-imseħbin, huma xhieda ta' kemm "Il-Malti" tagħna hu mxerred mad-dinja kollha:*

*Miss Karmen-Mikallef Buħaġar, Lixandra; Mrs. Inez Scerri, Asmara; Mr. John C. Vassallo, Lixandra; Mr. Samwel Pavia, Lixandra; Mr. Aimè Borg, Lixandra; President, Maltese Club, Port Said; President, Malta House, Kajr; President, Maltese Union Club, Lixandra; President, Malta House, Swejz; Mr. Joseph E. Doublet, New York; Mr. John Gordmaine, Toronto, Canada; Rev. Patri Karm F. Spiteri, O.D.C., Abadan, Iran; Mr. Laurent Ropa, Franza; Mr. Emmanuele Degiorgio, Lixandra; Mr. Victor Vella, Lixandra; Mr. Romeo L. Psayla, New Jersey; S.E. Mons. George J. Caruana, Arċisqof, Pensylvania; Mr. Ant. L. Bajada, Mr. Ant. G. Formosa, Mr. Alfred Gellel, Mr. Ange Grima, kollha Lixandra; Inġ. Frans De Barro, Kajr; Mr. Frank L. Samut, Londra; Rev. Patri Ġużeppi Cremona, O.F.M., Kajr; Rev. Patri Carmel F. Mercieca, Lixandra, Mr. George P. Bonett, Port Said; Mr. Arthur Vassallo, Chev. Edw. Ellul, it-tnejn Londra; Rev. Edmund F. Sutcliffe, S.J., Oxford; Rev. Dun Karm Sant, B.D., Ruma; Rev. Karm. Fenech, S.J., Oxford; Mr. George Bonavia, Toronto, Canada; Fr. Joseph Portelli, Santal Parganas, Indja; Mr. Ant. G. Said, Kellyville, Awstralja; Dr. Ettore Rossi, Ruma.*